MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru. 13/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Rodrick Vassallo** li ghandu numru tal-karta tal-identita' 101090(M) ta' 22 -il sena, iben James u Anna nee' Tabone, imwieled Pieta', nhar is-17 ta' Frar 1990, residenti 122, 'Qalb ta' Gesu', triq Patri Guze Delia, Siggiewi.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli nhar is-27 ta' Jannar 2013, u fil-gimghat ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus falsifikat, liema biljett tal-flus falsifikat huwa tal-vlura Euro, li kien jaf li hu falsifikat u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-pussess tieghu biljett tal-flus valuta euro falsifikat, meta kien jf li l-istess huwa ffalsifikat bi skur ta' l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligjiet ta' Malta.

Filwaqt li esebixxa l-fedina penali talab li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz partikolarment rigward l-ewwel akkuza l-verbal li sar quddiem din il-Qorti, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li ghalkemm il-fedina mhiex wahda netta pero' mhiex daqstant allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-perjodu ta' sittax-il xahar (16) xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn u nofs.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tat-tliet dokumenti esebiti ta' mitt euro (€100) u tordna li  jintbaghtu l-Bank Centrali ta' Malta sabiex jigu distrutti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn  u nofs.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------